# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 444/21/1 AF**

**Pauline Pisani**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. L-attriċi żżewġet lil Marcellino Pisani fl-1996, u flimkien kienu l-proprjetarji tad-dar matrimonjali tagħhom fil-Mosta, fejn kienu jgħixu flimkien ma' binhom. L-attriċi tgħid illi hija kienet vittma ta' vjolenza domestika matul iż-żwieġ tagħha mal-imsemmi Marcellino Pisani, u li *nonostante* dan hija baqgħet id-dar iddur bih wara li kien spiċċa f'*wheelchair* kaġun ta' attentat ta' suwiċidju f'Settembru tal-2017. L-attriċi tgħid li eventwalment ma kinitx felħet iktar u għalhekk kienet telqet mid-dar matrimonjali flimkien ma' binha u għamlet ir-rapporti meħtieġa mal-

Pulizija Eżekuttiva, filwaqt li bdiet proċeduri ta' medjazzjoni f'Ottubru tal-2020 għas-separazzjoni personali. Hija tkompli li hemm suspett li f'Diċembru 2020 żewġha Marcellino Pisani qabbad id-dar matrimonjali b'nirien b'mod intenzjonali u sparixxa, u għadu ma nstabx sal-lum il-ġurnata. Hija ntavolat il-kawża odjerna għaliex, skont l-attriċi, mhijiex qed titħalla terġa' tidħol tgħix fid-dar matrimonjali b'mod li hi u binha ser jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom, oltre li qed isiru ħsarat bla bżonn fil-fond, u dan minkejja li l-esperti maħtura fl-inkjesta kollha ssottomettew ir-rapporti tagħhom. Skont l-attriċi hija qed issofri ksur tad-drittijiet tagħha sanċiti permezz tal-Artikoli 39 u 36 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 6, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u qed titlob li tingħata rimedju xieraq għal-leżjonijiet imsemmija.

2. L-Avukat Ġenerali eċċepiet, *inter alia,* li hija mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża, li l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha għaliex l-attriċi għandha rimedju ordinarju disponibbli għaliha quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex tirriprendi aċċess għall-fond in kwistjoni, li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma inapplikabbli għaliex l-iskop tal-inkjesta maġisterjali mhuwiex li tingħata deċiżjoni dwar akkużi kriminali jew dwar drittijiet u obbligi ċivili, li l-inkjesta maġisterjali ġiet konkluża fi żmien raġonevoli, li skumdità minħabba nvestigazzjoni dwar reati serji ma tistax tikkwalifika bħala trattament degradanti, li m'hemm l-ebda ndħil fil-ħajja

privata u tal-familja tal-attriċi, u li fi kwalunkwe każ l-indħil għandu għan leġittimu u huwa neċessarju f'soċjetà demokratika.

3. Fis-17 ta' Settembru, 2021 l-attriċi ntavolat rikors urġenti quddiem l-Ewwel Qorti, permezz ta' liema talbet lill-Qorti sabiex tagħti provvediment *pendente lite* sabiex hi u binha jkunu jistgħu jaċċedu u jirrisjedu ġewwa d-dar matrimonjali.

4. L-Avukat Ġenerali ppreżenta r-risposta tiegħu għal dan ir-rikors fis-6 ta' Ottubru, 2021, permezz ta' liema oġġezzjona għall-għoti tar-rimedju provviżorju mitlub mill-attriċi għaliex it-talba mhux fondata.

5. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors tal-attriċi tas-17 ta' Settembru, 2021 permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru, 2021, permezz ta' liema ordnat li pendenti l-proċeduri quddiemha l-attriċi tkun tista' taċċedi għad-dar matrimonjali liberament, filwaqt li rriservat li tvarja din l-ordni jekk u meta tingħata lilha raġuni tajba. Dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi t-talba odjerna qeghda ssir fil-kuntest ta' proceduri kostituzzjali intavolati mir-rikorrenti Pauline Pisani li permezz taghhom qed titlob dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' jeddijiet fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bid-dewmien f'inkjesta magisterjali u proceduri fil-Qorti tal-Familja. Hija tallega wkoll trattament inuman u degradanti.

L-Avukat Generali fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur kif ukoll ghar-rikors odjern iqajjem oggezzjonijiet rigward il-locus standi tieghu u nuqqas ta' rapprezentazzjoni ta' zewg ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tirriserva l-konsiderazzjoni taghhom ghal stadju ulterjuri tal-proceduri.

Dan premess il-Qorti tibda biex tissenjala l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi proceduri kostituzzjonali m'ghandhom qatt jintuzaw bhala appell minn decizjoni legittima ta' Qorti ohra, u inoltre, lanqas ma jigu moghtija rimedji straordinarji meta jkun ghadu disponibbli r-rimedju ordinarju.

[...]

Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-kaz odjern fid-dawl tal-fuq citat insenjament. Jirrizulta inkontestat illi r-rikorrenti hija komproprjetarja tad-dar matrimonjali minn fejn kienet telqet ftit qabel ma ntavolat proceduri ta' medjazzjoni. Sadanittant zewga sparixxa u ghadu meqjus "missing". Peress illi d-dar inghatat in-nar kontemporanjament mal-isparazzjoni, nfethet inkjesta magisterjali li nghalqet biss ftit gimghat qabel ma giet intavolata l-kawza. Tul l-inkjesta r-rikorrenti ma setghetx taccedi f'darha u prezentement ghalkemm l-inkjesta inghalqet, hija prekluza milli taghmel talba ad hoc lill-Qorti tal-Familja, stante li fil-proceduri ta' separazzjoni illum, wara kwazi sena, jidher li ghadhom ma gewx mahtura kuraturi biex jidhru ghall-assenti zewgha.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li r-rikorrenti qeghda prima facie ssofri l-ksur tal-jeddijiet taghha kif tallega. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li, kuntrarjament ghal dak li ddikjara l-Avukat Generali, ma ssib xejn frivolu u vessatorju fis-sitwazzjoni pjetuza li tinsab fiha r-rikorrenti".

6. L-Avukat Ġenerali ppreżenta appell mid-digriet imsemmi fis-17 ta' Jannar, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet appellat u minflok tiċħad ir-rikors tal-attriċi tas-17 ta' Settembru, 2021, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

7. L-attriċi preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-17 ta' Marzu, 2022, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-

Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat:**

8. Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2022 l-Avukat Ġenerali nformat lil din il-Qorti li l-attriċi ġiet awtorizzata tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esklużjoni ta' żewġha mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Jirriżulta mill-atti tal-kawża wkoll li l-inkjesta maġisterjali fil-ħruq tad-dar tal-attriċi ġiet magħluqa. Għaldaqstant m'għadu jeżisti l-ebda impediment sabiex l-attriċi terġa' tmur tirrisjedi fid-dar matrimonjali. Dan ifisser li m'għad hemm l-ebda bżonn tar-rimedju provviżorju mogħti mill-Ewwel Qorti li għalhekk ser jiġi revokat, għalkemm mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tagħha, il-mertu ta' liema jinsab issa eżawrit.

9. Fir-rigward tal-ispejjeż il-Qorti tqis li in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Ġenerali, tirrevoka r-rimedju

provviżorju mogħti mill-Ewwel Qorti stante li l-utilità tiegħu tinsab eżawrita, u tordna li l-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm